MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Numru 84/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANZJAN ANTHONY CASSAR**

**VS**

**ALFRED GATT**
**ANTOINE LAWRENCE MALLIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alfred Gatt ta' 53 sena, bin il-mejjet Saviour u Georgina nee' Mangion, imwieled Hal-Qormi, nhar is-26 ta' Mejju, 1953, residenti fil-fond *Windsor*, Triq il-Vitorja, Hal-Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 392653 (M);

U Antoine Lawrence Mallia ta' 30 sena, bin Francis u Mary nee' Zammit, imwieled Melbourne, l-Awtralja, nhar it-

3 ta’ Dicembru, 1975, residenti fil-fond numru 158, Triq Gharran, Haz-Zebbug, detentur tal-karta tal-identita’ numru 105092 (M);

Akkuzati talli fi Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, nhar il-Erbgha 25 ta’ Jannar, 2006, g hall-habta ta’ xil-hdax nieqes kwart ta’ fil-ghodu, flimkien ma’ persuna ohra mhux maghrufa:

1. Ikkommettew serq ta’ diversi bicciet tal-ghamara u oggetti ohra ornamentali mill-fond numru 48, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, li l-ammont taghhom jaccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), ghad-dannu ta’ certa Evely Grech minn Haz-Zabbar, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-lok;

2. U aktar talli xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. Akkuzati talli volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00), imma huwa izjed minn hamsin lira maltin (Lm50.00);

4. U kif ukoll talli bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jevitaw jhedd li jippretendu li ghandhom, gieghlu bl-awtorita’ taghhom infushom, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun lit kun, jew fixklu lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu;

5. U kif ukoll talli volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. U fl-ahharnett talli heddew lill-imsemmija Evely Grech minn Haz-Zabbar b’lieva tal-hadid.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 270, 334, 325, 85, 338, u 339 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq biex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija Alfred Gatt u Antoine Lawrence Mallia hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom u ghaldaqstant tikkundannahom ghal perjodu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sena (1), *ai termini* tal-Kap 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Qiegheda tordna wkoll li l-istess imputati jhallsu s-somma ta' Lm200.00 (mitejn lira maltin), bhala kumpens ghad-danni sofferti minn Evelyn Grech, *ai termini* tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre* tordna il-hrug ta' garanzija favur il-parti civili, indikata fl-akkuza, u cioe' l-istess Evelyn Grech, *ai termini* tal-Artikolu 383, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu ta' sena (1), taht penali ta' mitt lira maltin (Lm100.00).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------